# Marija Immakulata Meqjuma fil-Mosta



minn **Tony TERRIBILE**

Nhar it-8 ta' Diċembru tas-sena 1854 - jiġifieri mija u ħamsin sena ilu - il-Papa Piju IX (illum Beatu) ipproklama bħala Domma ta' Fidi li tabilħaqq il-Madonna tnisslet mingħajr dnub oriġinali.

Għal din l-okkażjoni saru festi kbar madwar id-dinja kollha. F'Malta wkoll saru għadd ta' ċelebrazzjonijiet għaliex mill-imgħoddi l-qima lejn l-Immakulata kienet qawwija ħafna f'dawn il-gżejjer. Ta' dan għandna bosta xhieda. Kemm hu hekk, meta fl-1575 Mons. Pietro Duzina żar il-knejjes ta' dawn il-gżejjer sab, li numru sostanzjali minnhom kienu ddedikati lill-Immakulata.

Mal-mixja tas-snin, l-għadd tagħhom żdied sew u sa llum f'dawn il-gżejjer għandna numru ta' knejjes kbar u żgħar ddedikati lit-Tnissil bla Tebgħa tal-Madonna. Fuq quddiem jiġu s-santwarji ta' Bormla u tal-Qala, Għawdex, imbagħad insibu wkoll l-Imsida (knisja imħaffra fil-blat), in-Naxxar, ir-Rabat, Ħaż-Żebbuġ u oħrajn. Ta' żminijietna imbagħad insibu ż-żewġ Parroċċi tal-Ħamrun u ta' l-Ibraġġ.

## Knisja antika fil-Mosta

Fil-Mosta nsibu wkoll knisja żgħira li l-bidu tagħha jmur lura sew. L-inħawi fejn tinsab din il-knisja huma magħrufa bħala 'Andar il-Blat'.

Tajjeb li l-ewwelnett nagħtu tifsira fil-qosor ta' l-isem 'Andar'. B'din il-kelma nifhmu art li tkun għal għajn ix-xemx fejn fuqha jinfirex u jindires il-qamħ. Dawn l-inħawi kienu diġà magħrufa hekk sa mill-1500. L-aqwa xhieda tal-qedem ta' l-inħawi kienu l-fdalijiet Puniċi li kienu nstabu fl-inħawi fis-seklu għoxrin. Mons. Duzina, fl-1575 sab ukoll benefizzju marbut ma' din il-biċċa art ta' Andar il-Blat.

L-iżvilupp ta' l-inħawi wassal biex hawn, l-ewlenin Mostin bnew knisja f'ġieħ l-Immakulata. Maż-żmien - forsi minħabba l-attakki ta' l-għadu - din il-knisja spiċċat ipprofanata, iżda nhar it-8 ta' Ġunju 1653, waqt li l-Isqof Balaguer kien qiegħed iżur il-knejjes ta' l-inħawi, ċertu Bartilmew Busuttil talab lill-Isqof biex hu jsewwi din il-knisja u jerġa' jiftaħha mill-ġdid.

Mid-dehra l-isqof ma sabx oġġezzjoni għaliex Bertu Busuttil waqqaf mill-ġdid din il-knisja. Barra dan ħalla legat biex fiha jiġu ċċelebrati sitt festi tal-Madonna kull sena. Il-knisja baqgħet wieqfa għal numru ta' snin u l-festi baqgħu jiġu ċċelebrati kull sena, l-aktar il-festa tal-Kunċizzjoni li din kienet festa popolari ħafna mal-bdiewa ta' l-inħawi.

Meta imbagħad faqqgħet l-aħħar gwerra dinjija, din il-knisja bdiet tinfetaħ spiss għaliex is-suldati li kienu stazzjonati f'Ta' Qali, bdew jaqdu fiha d-dmirijiet reliġjużi tagħhom. Iżda darba waqt wieħed mill-attakki fuq il-mitjar f'Ta' Qali, bomba laqtet il-knisja u għamlitilha ħafna ħsara. Għallinqas il-kwadru ġie salvat, bħala xhieda tal-qedem ta' din il-knisja.

Wara l-gwerra - bil-ħidma ta' l-Aripriet u tal-Kleru tal-Mosta - din il-knisja reġgħet ġiet mibnija mill-ġdid bil-flus tal-*War Damage*. Għalkemm illum nistgħu nħarsu lejn din il-knisja bħala 'knisja ġdida' hi tifkira tal-knisja oriġinali li kien waqqaf mill-ġdid Bertu Busuttil fis-seklu sbatax.

## Fil-Knisja Parrokkjali l-Qadima

Illum, f'wieħed mill-kwadri żgħar li kien pitter Giuseppe Calì, naraw ix-xbieha ta' l-Immakulata. Nistgħu nħarsu lejn din il-pittura bħala tifkira, li fil-knisja l-qadima, kull sena kienet tiġi ċċelebrata il-festa tal-Kunċizzjoni. Din kienet issir bil-kant ta' l-għasar u b'quddiesa kantata fuq l-altar ta' Santu Rokku. Din iċ-ċelebrazzjoni kien waqqafha Nazju Galea permezz ta' benefiċċju nhar it-2 t'Awwissu 1776.

Barra din iċ-ċelebrazzjoni fuq il-pulptu ta' l-istess knisja l-qadima kien hemm statwa kbira u sabiħa ta' l-injam ta' Marija Immakulata. Fuq din, kienu jikkummentaw l-isqfijiet li kienu jżuru il-knisja parrokkjali tal-Mosta. Illum, il-pulptu spiċċa, iżda l-istatwa tal-Kunċizzjoni għadha fil-knisja filjali ta' San Anton.

## Ħames Niċeċ fit-Toroq tal-Mosta

Il-Mostin ta' l-imgħoddi riedu li l-qima lejn l-Immakulata jxerrduha wkoll fit-toroq tar-raħal. Hekk illum insibu ħames niċeċ tal-Kunċizzjoni fit-toroq tal-Mosta.



In-niċċa tal-Kunċizzjoni f'nru. 15, Triq il-Brittanja.



Niċċa oħra ta' l-Immakulata miżmuma tajjeb fil-kantuniera fi Triq Sant'Anna (ħdejn il-Lord Nelson Restaurant).



In-niċċa tal-Kunċizzjoni fin-nru. 70, Triq Santa Margerita.



In-niċċa artistika ħafna ta' Marija Immakulata li tinsab fin-nru. 163, Triq il-Pont.

L-ewwel waħda tinsab f'Nru. 15, **TRIQ IL-BRITTANJA**. L-indulġenzi tagħha jmorru lura lejn it-tieni nofs tas-seklu dsatax. Dan iż-żmien huwa l-aqwa xhieda li din in-niċċa twaqqfet wara l-proklamazzjoni tal-Papa Piju IX. Din in-niċċa hi għolja madwar tmien filati, imżejna b'par pilastri ta' stil Doriku filwaqt li n-niċċa hi arzellata u fiha naraw ix-xbieha tal-Madonna.

Ferm eqdem imbagħad hija n-niċċa li tinsab fuq dar Nru.1, **TRIQ SANT'ANNA**. Bla dubju ta' xejn din hi waħda mill-eqdem u mill-isbaħ niċeċ fil-Mosta. Ħasra li ż-żmien għamlilha xi ħsarat. Fil-parti ta' fuq tagħha naraw skultura sabiħa ta' żewġ anġli bil-qegħda fuq il-pilastri. L-istatwa fiha wkoll xogħol dettaljat ta' skultura u dan wieħed jista' jarah l-aktar fil-paneġġi tal-mant tal-Madonna. Fl-imgħoddi din ix-xbieha kellha fanal tal-ħadid li kien jinxtegħel spiss, l-aktar fil-festi tal-Madonna.

Qadima wkoll hija n-niċċa tal-Kunċizzjoni li tinsab fuq dar Nru 70, **TRIQ SANTA MARGERITA**. Hi xogħol ta' xi dilettant, iżda hi xhieda oħra tal-qedem tad-devozzjoni Marjana fil-Mosta.

Fil-post nru. 163, **TRIQ IL-PONT** għandna niċċa oħra tal-Kunċizzjoni li tħabbatha - għall-arti li fiha - ma' dik ta' Triq Sant'Anna. F'din in-niċċa ta' Triq il-Pont wieħed jista' japprezza żewġ ħwejjeġ artistiċi. L-ewwel, id-disinn li fiha. Hawn għandek disinn Barokk, elaborat ħafna, iżda fl-istess ħin oriġinali magħmul minn żewġ pilastri ta' stil Korint, imżejna bil-panew u l-mazzettuni. Ma' dawn il-pilastri jaqbad disinn li jaqbel li fih linji klassiċi mill-isbaħ. Il-frontispizju fih disinn li jaqbel ma' dan ix-xogħol. It-tieni ta' min japprezza l-id ta' l-iskultur li ħadmet l-iskultura kollha li fiha din in-niċċa. Fiha xogħol eżatt u preċiż, u għalhekk hi ħasra li niċċa hekk sabiħa fiha xi ħsarat, li m'humiex kbar ħafna.



In-niċċa tal-Kunċizzjoni li kienet fi Triq 9 t'April, li sfortunatament illum spiċċat. Fadal biss l-istatwa li ttieħdet lejn in-naħa 'Ta' Wejda'.

L-aħħar niċċa tinsab fi **TRIQ ID-9 T'APRIL**. Din għandha stil Doriku u nieqsa mill-iskultura. B'danakollu iżda hi niċċa oriġinali billi tinsab f'nofs gallerija tal-ħadid li ddur madwar id-dar kollha li magħha naraw din in-niċċa. Kitba taħtha tgħidilna li fl-1860 l-Isqof Gaetano Pace Forno kien ta indulġenzi lil kulmin jieqaf u jitlob quddiem din in-niċċa. Din is-sena (1860) qegħda tfakkarna li din in-niċċa kienet twaqqfet hawn sitt snin biss wara li l-Papa Piju IX kien ipproklama id-Domma tal-Kunċizzjoni. Ta' min jirrimarka li d-dar imsemmija sfortunatament twaqqgħet f'dawn l-aħħar xhur minħabba xogħol ta' kostruzzjoni, bin-niċċa b'kollox. Ta' konsolazzjoni hu li l-istatwa tal-Kunċizzjoni ttieħdet mis-saċerdot fejn kien joqgħod qabel u ħadha fil-post fwejn mar joqgħod lejn in-naħa magħrufa 'Ta' Wejda'.

Dawn it-tifkiriet kollha li rajna huma l-aqwa xhieda kemm mill-imgħoddi, il-Mostin filwaqt li taw l-aqwa ġieħ lil Marija Santissima mtellgħa fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem, fl-istess ħin taw l-istess ġieħ u qima lejn it-tnissil tagħha mingħajr id-dnub oriġinali.

*7 ta' Lulju 2004.*